MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 213/2006

**Talba Nru: 213/06PBC**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Anthony Said – I.D. 260254M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mitejn u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm260.27c) u dan kwantu ghal mitejn lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm200.27c) konnessi ma` servizz tat-telefon numru 21318307 u kwantu ghal sittin lira Maltin (Lm60) ma` servizz tat-telefon numru 21247352 (AT4064/87 – A/C

10102217 u Acc. 10061403) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett hawn anness u mmarkat Dok. A u Dok. B u kuntratt relattiv immarkat Dok. C.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb preliminarjament li l-kuntratt anness mill-attrici bhala Dok. C m'ghandu x'jaqsam xejn man-numru telefoniku 21247352. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija ntempestiva, u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta` din il-kawza, fi kwalunkwe kaz. It-talba attrici hija in parte preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. XVI. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Sema` x-xhieda ta` Dr Ingrid Zammit Young, tal-Prokuratur Legali Noel Scerri u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Is-socjeta` attrici qeghda titlob hlas ta` bilanc fuq zewg servizzi tat-telefon.

Illi skond Dok. C esebit a fol 6 tal-process hemm ftehim iffirmat mill-konvenut rigward is-servizz telefoniku 21318307 izda ma gie prodott l-ebda dokument li juri li l-konvenut huwa b'xi mod responsabbli ghas-servizz telefoniku numru 21247352.

Ma gew prodotti l-ebda provi fil-konfront tal-konvenut rigward is-servizz telefoniku 21247352 u ghalhekk rigward dan is-servizz telefoniku t-talba m'hijiex sodisfacentement ippruvata u ghalhekk it-talba relattiva sejra tigi respinta u ghalhekk mhux il-kaz li t-Tribunal jidhol oltre fuq l-eccezzjonijiet l-ohra fir-rigward ta` dan is-servizz lanqas fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' dan is-servizz.

Illi ghar-rigward tas-servizz telefoniku 21318307, fix-xhieda tieghu l-konvenut jammetti li ghandu jhallas l-ammont ta` mitejn lira Maltin u sebgha u ghoxrin

centezmu (Lm200.27c) u ghalhekk it-talba fir-rigward ta` dan is-servizz tisthoqq li tigi milqugha.

L-ammissjoni tal-konvenut ixxejjen l-eccezzjonijiet kollha u kif ukoll ixxejjen partikolarment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk fir-rigward ta` dan is-servizz, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi respinta.

Ghar-rigward tal-kap ta` l-ispejjez, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta` l-ispejjez skond ir-rebh u t-telf tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` mitejn lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm200.27c) bl-interessi mit-12 ta` Jannar, 2006 (data ta` l-Ittra Ufficjali) kontra l-konvenut. L-ispejjez ghandhom ikunu kwantu ghal 10/13 ghall-konvenut u kwantu ghal 3/13 ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------